# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002**

**Avviz numru : 17/2002GT(GM)**

**Caruana and Cini Company Limited**

**vs**

**Publius Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi:**

**"Illi l-konvenut xtara diversi kwantitajiet ta' materjal ghal xoghol ta' kurrent elettriku u plumbing minghand is-socjeta' attrici.**

**Illi ghal dawn il-provvisti ghada dovuta s-somma ta' hames mija u erbgha u erbghin lira Maltija u tnax il-centezmu (Lm544.12) kif jirrizulta minn anness statement.**

**Illi minkejja diversi interpellazjonijiet u minkejja diversi promessi il-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan il-bilanc flimkien ma l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' 10 ta' Novembru 2001 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u dawk tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Gunju 2001 u tal-ittra ufficjali spedita f'Gunju 2001."**

**Ra r-risposta:**

1. **Parti mit-talbiet huma preskritti ai termini ta' l-artikoli 2148 u anke 2156 tal-Kap 16.**
2. **Illi parti mill-materjal kien difettuz u kellu jerga jinbidel mill-konvenut. B'dan giet mgharrfa s-socjeta' attrici.3**
3. **Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.**

**Ra l-ammissjoni tal-konvenut kif ukoll it-transazzjoni kif verbalizzati fl-udjenza tat-Tribunal tal-21 ta' Marzu 2002;**

**Ghaldaqstant, stante l-ammissjoni u kontestwali transazzjoni msemmija, it-Tribunal jilqa' t-talba kif dedotta fl-avviz u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm544.12c; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici, tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Gunju 2001; u tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2001, b'dan illi l-ammont mitlub jithallas fi tlett (3) pagamenti ugwali; l-ewwel pagament isir fl-1 t'April 2002, u z-zewg pagamenti l-ohra fl-ewwel ta' kull xahar sussegwenti. L-imghax legali kif mitlub fl-avviz tat-talba jibqa' dovut biss kemm-il darba l-ammont mitlub jithallasx kif fuq inghad.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**